**Minuti ta' l-ghaxar laqgħa tat-tmien legislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru 2013, fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana<br>Is-Sur Joseph Bajada u<br>Is-Sinjura Margaret Said |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

## QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgha bdiet fil-5.00 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, Is-Sindku qal li l-Minuti tal-laqgha ta' qabel kellhom jigu amendati u billi dan ma sarx il-Kunsill iddecieda illi l-Minuti jigu moqrija u amendati darb'ohra.

### Punti mqajjam mill-Minuti

Punti mqajjmin mill-Minuti ma kienx hemm billi dawn ma nqrawx.

### Komunikazzjoni tas-Sindku

1. Is-Sindku Philip Vella spjega li nbidel is-Segretarju Ezekuttiv u sakemm jigi mahtur Segretarju gdid ser ikun hemm d-Deputat Segretarju Mark Formosa. Is-Sindku semma illi ghandu jsir kull sforz biex jinhatar Segretarju gdid. Huwa qal li ghandu jinhatar bord tal-ghazla maghmul minn tlieta jew hames membri kif mitlub mil-ligi. Id-Deputat Segretarju

gibed l-attenzjoni li ghandu jsir mid-term audit kif mitlub mill-ligi. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jigi nfurmat id-dipartiment kemm bil-hatra tas-Segretarju l-gdid kif ukoll dwar l-audit.

2. Is-Sindku semma wkoll li d-dipartiment tal-gvern lokali talab wkoll ir-records tal-vacation leave u tas-sick leave ta' l-ex segretarju. Is-Sindku semma wkoll li l-ex segretarju ha gurnata leave minghajr ma kellu l-approvazzjoni. Il-Kunsill iddecieda li ghandu jinforma lid-dipartiment li r-records tal-leave ma hemmx fl-ufficju, ghalhekk it-talba ghandha ssir lil-ex segretarju dirett.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Measure 313. Huwa qal li din harget taht l-ERDF u li taghlaq fit-30 ta' Settembru. Is-Sindku semma li f'din il-call hemm €200,000 izda biex titranga l-pjazza hemm bzonn aktar flus. Is-Sindku ssugerixxa li ghandu jinhatar sotto kumitat ta esperti biex jevulwaw x'jista jsir. Ghalhemm is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jiffoka fuq it-tizbiegh tal-pjazza tax-Xelina. Huwa qal li ntalbet id-DNO u hemm in-No Objection tat-Transport Malta u issa qeghdin nistennew ir-rizultat tal-talba. Id-DNO huwa wkoll validu bhala permess tal-MEPA. Barra minn hekk ghandna nitolbu lill-Perit tal-Kunsill biex ihejji l-pjanta la darba jkollu l-pjanta, s-Sindku ser jipprezenta lill-Kunsill.

4. Is-Sindku semma wkoll Measure 125 li taħtha kien hemm applikazzjoni ghal-Triq Bardan. Mill-feedback li kellu s-Sindku qal li kien ottomist li l-applikazzjoni tigi milqugha. Il-progett irid ikun lest minn kollox fi zmien 11-il xahar. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa diga qal lill-Perit biex jibda l-process tat-tender halli jekk jintaghzel il-progett, ikun hemm diga l-process mibdi. Il-Kunsillier Bajada saqsa jekk dan il-progett hux funded 100% mill-UE. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill irid johrog 10% tal-Finanzi.

5. Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Margaret Said biex tinforma lill-Kunsill dwar il-harga li ser issir fil-15 ta' Ottubru. Hija qalet li l-harga ser tikkonsisti li l-ewwel imorru l-monti tan-Nadur u wara mmorru jieklu f'restaurant lokali fejn ser jilaghbu t-tombla wkoll. Hija nformat lill-Kunsill li l-prezz ta'din il –harga ser jkun ta €7.00. Is-Sindku qabel li dan il-prezz huwa attreanti. Il-Kunsillier Margaret Said qalet li ghandha ssir leaflet li fuqha tinforma lir-residenti dwar il-harga u l-harga ghan-Notte Bianca. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir.

6. Is-Sindku semma s-sezzjonijiet ta l-aerobics. Huwa qal li l-ewwel fazi issa lesta u issa li ghadha s-Sajf ghandha ssir it-tieni fazi. Huwa qal li ghandu johrog avviz li javza dwar dan kif ukoll jinforma lir-residenti dwar il-kors tal-first aid li ser isir. Is-Sindku talab lil Vici Sindku biex tiehu hsieb din l-attivita. Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsill li qieghed f'diskussjonijiet ma l-ERRC u dawn jistghu jigu jaghmlu xi kors bla hlas bil-kundizzjoni li jkunu jistghu juzaw is-sala tal-Kunsill bla hlas ghal xi korsijiet meta l-NGO Centre ma jkunx disponibbli. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsill ghandu jara kemm ikun hemm li japplikaw u wara jigi nnegozzjat il-prezz. Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill ghandu bzonn jara jekk jistax isir kors simili mac-Civil Protection. Dwardan kien hemm qbil mill-membri l-ohra tal-Kunsill.

7. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser jigi organizzat it-tellieqa tal-20K, 10K flimkien mal-Fun Run li ser tigi organizzata ghat-tielet darba. Fil-passat kien hemm xi dizgwid mal-MAAA li ma kienetx qed tirrikonoxxi l-girja izda din is-sena t-tellieqa tas-Sannat dahlet fil-kalendarju tal-MAAA. Is-Sindku qal li ghalhekk hemm bzonn li l-organizazzjoni tkun ta' livell gholi. Huwa qal li hemm ghaqda mix-Xaghra li tiehu hsieb l-organizazzjoni tal-Gozo Marathon. Huwa ssuggerixxa li dawn jintalbu jiehdu hsieb l-organizazzjoni huma bhal stop watches, marshalls, etc. L-organizazzjoni ghandha tigi tiswa madwar €300. Ser tigi kreata pagna tal-facebook u ser jigu pprintjati posters zghar li ser jigu mqassma fi tlielaq li ser isiru dalwaqt. Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill ghandu jsib sponsors biex jitqassmu l-frott, goodie bags u ghat-transport mill-Imgarr ghal Ta' Sannat. Is-Sindku qal li hu kunfidenti li billi din is-sena l-girja qeghda fil-kalendarju tal-MAAA hemm cans li jkun hemm konkorrenza akbar.

8. Dwar il-bus shelter is-Sindku qal li din kienet ser issir ftit il-fuq mil-bus stop fi Triq ta' Cenc. U din kienet ser tigi quddiem dahla f'ghalqa. Barra minn hekk kien hemm ukoll high tension cable fil-vicin. Ghalhekk is-Sindku qal li hemm post fi Triq ta' Cenc fejn suppost ma hemmx servizzi ghaddejin. Il-Perit ser jintalab jaghmel pjanta. Is-Sindku semma ukoll li fil-futur hemm ippjanat li jsir progett fil-vicinanzi ta' Ta' Cenc fejn ghandhom jitrangaw il-bankini u jsir aktar dawl ghax bhal issa hu ftit imdallam. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana li kienet infurmata li l-hofra tal- bus shelter hija ta' periklu u li din il-hofra ghanda tindradam. Il-Kunsill qabel li dan isir.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa ghamel appuntament mal-Ministeru ghal-Ghawdex bl-agenda tkun fuq is-sitwazzjoni ta' Sannat Road u l-white roads (Triq Tempju tal-Imramma, Triq Bardon, etc). Din il-laqgha ser issir fis-6 ta' Novembru u l-Kunsilliera huma mhegga li jattendu.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq it-Tempju ta' L-Imramma kien hemm problema ghaliex il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta l-Ilma iridu jghaddu xi mains ta' l-ilma biex iwasslu l-ilma f'lokalitajiet ohra ta' Ghawdex. Is-Sindku ghamel laqgha ma KSI f'Malta u dawn lahqu ftehim li l-mains jghaddu minn Triq il-Gruwa. L-istima kienet ta' €40,000. Jidher li x-xoghlijiet jinvolvu li l-Gvern ser jaghmel il-bankina u jesfalta t-Triq, jinbidlu l-mains u tal-Go ser ighaddu xi cables ghal fast internet. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi konsultat dwar dan il-progett.

11. Is-sindku nforma lill-Kunsill li ghandu jiltaqgha mas-Surmast ta l-iskola dwar is-sitwazzjoni dwar l-iskola. Fil-laqgha ser jigu diskussi diversi issues fosthom il-bankijiet, l-gate li saret, it-tinda u l-problema tal-parking. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana qalet li ghandha tigi diskussha wkoll il-fatt li ghandna mmorru ghand il-Ministeru ta l-Edukazzjoni jekk ma naslux. Is-Sindku qal li l-ewwel ghandna nkellmu s-Surmast imbaghad nimxi minn hemm.

12. Is-Sindku semma li rridu nahsbu biex ninstallaw l-Internet Streaming. Saret id-decizzjoni biex issir mozzjoni biex tghaddi din l-installazzjoni.

13. Dwar il-kors tas-Snajja tradizzjoni Maltin il-Kunsilliera Margaret Said semmet biex isir dan il-kors l-ewwel irridu insiru nafu kemm ser tkun il-mizata.

14. Il-puluzija cemplu lis-Sindku u spjegawlu f'Notte Scarlata l-Kunsill inghatax puluzija extra. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser ighaddi l-pagament lill-puluzija. Il-Kunsill qabel li dan isir.

15. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana qalet li ghandu jiltaqgha ma l-organizzaturi ta' Valetta 18 dwar il-possibilita li ssir laqgha maghhom. IsIl-Kunsill qabel li dan isir.

16. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-Tender 03/2013 tat-Tindif u Manutensjoni tal-Gnien fi Triq Marziena gew ircevuti 3 offerti izda kienu xi ftit ambigwi. Ghalhekk huwa ssuggerixxa li jintalbu l-klarifiki. Il-Kunsill qabel li dan isir.

17. Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-public conveniences li jinsabu fi Triq Sannat qeghdin fi stat dizasstruz. Huwa qal li ghandu jibda l-process biex isir tender. Huwa ssuggerixxa li l-kontrattur li jintghazel ghandu jintrabat li jlesti x-xoghol fi zmien qasir. Il-Kunsill qabel li dan isir.

18. Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana semmiet li ghandhom jigu avvicinati r-residenti barranini tal-lokalita biex jekk iridu jaghtu sehem fil-lokalita. Is-Sindku semma li diga hemm hafna barranin li jaghtu s-sehem taghhom f'certu oqsma izda ma ghandux jinstab diffikulta biex naghmlu dan. Il-Kunsill ideccida nimxu b'dan il-mod.

19. Is-Sindku semma il-progett ta' Imgarr ix-Xini Regional Park. Huwa qal li s-Sur Goerge Azzopardi biex ikun involut fil-progett izda is-Sur Azzopardi ma xtaqx jidhol bhala Project Leader. Ghalhekk is-Sindku issugerixxa illi ghandu jigi avicinat is-Sur Wally Terrible biex ikun Project Leader. Huwa jigi nnumerat billi jiehu percentagg tal-fondi li jingiebu. Il-Kunsill qabel li dan isir.

20. Is-Sindku informal lill-Kunsill li kien hemm xi problem dwar il-quotations ta' l-Iskips. Dan ghaliex l-specifications kienu differenti ghaliex ma kienux spesifikati fil-call. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandha tohrog call for quotations bl-specifications mill-gdid.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

**1. MEMO 14/2013** mibgħuta mid-Direttur DLG, nhar is-27 ta' Ġunju 2013 dwar Permessi tal-Krejnijiet Online li tikkonċerna dwar li kull Kunsill Lokali ghandu jkollu merchant account mall-banek lokali. Il-MITA ukoll qed tesiġi li kull Kunsilli Lokali huwa mandatorju li jkollu kemm account HSBC kif ukoll iehor mal- Bank of Valletta.

**2. MEMO 15/2013** mibghuta mid-Direttur DLG, nhar il-5 ta' Lulju 2013 dwar l-Uzu tal-Internet Banking.

Wara diversi laqgħat mid-DLG mal-partijiet interessati, ġie deċis illi issa ser ikun possibbli l-użu tal-*internet banking* għal ċerti transazzjonijiet tal-Kumitati Reġjonali u tal-Kunsilli Lokali. Naturalment biex dan iseħħ, irid jiāi Ŝgurat illi dejjem jibqa' jkun hemm livell massimu ta' sigurtà u għaldaqstant irid jiġi osservat dan li ġej:

1. Kumitat Reājonali / Kunsill Lokali li jagħmel arranāament ma' xi bank għall-*internet banking* għandu javża b'dan minnufih lil dan id-Dipartiment billi jibgħat kopja ta' dan il-ftehim. Id-Dipartiment irid ikun infurmat ukoll b'kull tibdil li jseħħ f'dan il-ftehim;

2. kull ordni ta' ħlas jew ordni ta' trasferiment li jsir bl-użu tal-*internet banking* irid xorta jibqa' jkollu l-awtorizzazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-President/Sindku.
Għalhekk, kemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-President/Sindku għandhom ikollhom *securekey* separata. B'dan il-mod, is-Segretarju Eżekuttiv għandu l-ewwel jagħmel it-transazzjoni bis-*securekey* tiegħu biex wara, il-President/Sindku jkun jista' jidħol bis-*securekey* tiegħu u japprova din it-transazzjoni;

3. ebda impjegat ieħor ma għandu jkollu aċċess għall-*internet banking* jekk mhux bħala *View Only*;

4. id-dritt tal-*internet banking* jingħata mill-bank bil-kundizzjonijiet tiegħu u l-kontrolli li l-bank jista' jagħmel;
5. il-pagamenti biċ-ċekk jibqgħu jsiru skont kif inhu stipulat fil-Proċeduri tal-1996 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi); u
6. naturalment, ir-Regolamenti u l-Proċeduri eżistenti kollha dwar xiri kif ukoll l-approvazzjoni mill-Kumitat Reājonali / Kunsill Lokali ta' pagamenti ta' xogħlijiet, oġġetti u servizzi kif ukoll arranġamenti bankarji jibqgħu japplikaw.

**3. MEMO 16/2013** mibghuta mid-Direttur DLG, nhar it-8 ta' Lulju 2013 dwar Kontribut Finanzjarju ta' Kunsill Lokali ghal Xiri ta' Materjal Edukattiv ghall-Iskejjel. Fid-dawl ta' dan, id-Dipartiment jeżenta l-għajnuna finanzjarja li Kunsill Lokali jista' jagħti lill-iskola u/jew skejjel fil-lokalità tiegħu għal xiri ta' materjal edukattiv milli tiġi kkunsidrata bħala donazzjoni. L-ammont f'tali għajnuna finanzjarja m'għandux jaqbeż is-somma ta' €200 fis-sena.

**4. MEMO 17/2013** mibghuta mid-Direttur DLG, nhar it-12 ta' Lulju 2013 dwar Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqghat OnLine.

Il-Kunsill Lokali jistgħu jibbenefikaw minn skema ta' għajnuna finanzjarja sa massimu ta' € 2,300 jekk iżommu mal-kriterji elenkati hawn taħt:
**Is-sistema tal-*On Line Streaming* tikkonsisti minn:**
· Installazzjoni tal-apparat bħal *audio mixer* fis-sala tal-Kunsill Lokali
· *Internet Connection*
· *Bandwidth* u *Streaming*
· Skeda tal-laqgħat fis-sit elettroniku tal-Kunsill Lokali
· *Live streaming* mill-Kunsill Lokali waqt il-laqgħat.
***Hardware Setup***
· Żewġ *High definition (*) IP Cameras*
· Żewġ *Microphones* tal-aqwa kwalità mqabbdin ma' *mixer* fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali
· *Network switch*
· Aċċess għall-*Internet Connection* fis-sala fejn issir il-laqgħa.
**L-*Internet Connection***
· *Internet connection* bi *speed* ta' mhux anqas minn 1.5*Mbps upload (*)*
· Kull *camera* jrid ikollha kapaċità ta' trasmissjoni ta' 375*kb/sec.*
***Software Requirements***
· Jiġu installati żewġ *IFRAMES* jew paġni ġodda fis-sit elettroniku tal- Kunsill Lokali:
· Skeda tal-laqgħat fuq il-*website* u *facebook* tal-Kunsill Lokali.
***Streaming***
· *Streaming* għandu jkun ta' kwalità tajba provdut minn sorsi ta' kumpaniji rikonoxxuti u ewlenin fit-trasmissjoni ta' dan it-tip.
· Dan fid-dawl għal meta jkun hemm numru konsiderevoli ta' ċittadini li jkunu jridu jaraw il-laqgħa tal-Kunsill Lokali *online,* b'hekk jiġu evitati effetti negattivi waqt it-trasmissjoni.
· Għalhekk qed jiġi propost li jkun hemm livell tajjeb ta' trasmissjoni fil-kapaċità ta' 750*kbps* għal madwar elfejn *user.*
· L-arranġament li l-Kunsill Lokali għandu jagħmel m'għandu jkun qatt inqas minn 36 siegħa fis-sena li jkopru laqgħa waħda kull xahar ta' tliet sigħat.
· Waqt l-i*streaming* ma jista' jkun hemm l-ebda tip ta' reklamar kummerċjali la estern u lanqas intern.
Għalhekk il-Kunsill Lokali huwa mitluba li jibagħt l-applikazzjoni sa mhux aktar tard min-nofsinhar tal-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu 2013 (Mozzjoni)

**5. MEMO 18/2013** mibgħuta mid-Direttur DLG, nhar it-22 ta' Lulju 2013 dwar European Mobility Week – Car Free Day-2013. Kompetizzjoni ghall-Kunsilli Lokali: Clean Air – It's Your Move! li tghid hekk:
Bħalma seħħ is-sena li għaddiet, qed tiġi mnedija edizzjoni oħra tal-*Car Free Day* fi bliet ewlenin madwar l-Ewropa kif ukoll f'pajjiżna, bħala parti mill-*European Mobility Week*. Għal din is-sena ser ikun hemm ukoll kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali għall-aħjar sett ta' attivitajiet marbuta ma' din l-inizjattiva.

Il-*European Mobility Week*, osservata mis-16 sat-22 ta' Settembru ta' kull sena madwar l-Ewropa, hija kampanja sabiex titqajjem kuxjenza u tħeġġeġ sabiex jiżdied l-użu tat-trasport pubbliku, roti, mixi u tiġi mnaqqsa d-dipendenza fuq il-karozza privata bħala mezz ta' trasport primarju. It-tema magħżula għal din is-sena hija *"Clean Air – It's your move!"*, li tiffoka fuq l-effetti tat-transport fuq il-kwalità tal-arja.
Għaldaqstant qed tittieħed l-opportunità sabiex aktar Kunsilli Lokali Maltin u Għawdxin jipparteċipaw għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-*Car Free Day*, biex l-edizzjoni tal-2013 tkun oħra memorabbli bil-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali. L-għan ta' din is-sena huwa illi jibnu fuq is-suċċess illi kellhom is-sena l-oħra filwaqt illi jsaħħuh u jżiduh. Bħas-sena li għaddiet, qed tiġi organizzata kompetizzjoni immirata għall-Kunsilli Lokali kollha sabiex jorganizzaw attivatajiet relatati mat-tema u l-aħjar għaxar proposti jingħataw *sponsorship* ta' € 2,000-il wieħed sabiex jgħinhom jorganizzaw din l-attività. Il-proposti kellhom jasslu sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, 15 ta'Awwissu 2013.

**6. MEMO 19/2013** mibgħuta mid-Direttur DLG, nhar l-1 ta' Awwissu 2013 dwar Kazijiet quddiem il-Bord ta' Gvernanza Lokali.

Skont l-Avviż Legali Numru 63 tal-2010, il-Bord ta' Gvernanza Lokali reġa' ġie mwaqqaf. Kif joħroħ minn klawżola 5 tal-istess Avviż Legali, dan il-Bord għandu l-funzjonijiet li jistħarreġ u jiddeċiedi fuq kull kwistjoni mressqa lilu dwar:-
(a) kull allegat abbuż jew deċiżjoni jew amministrazzjoni ħażina magħmula minn Rappreżentant Elett, Segretarju Eżekuttiv jew xi uffiċjal ieħor, meta dak l-għemil ħażin ma jkunx wieħed ta' xorta kriminali;
(b) kull ksur allegat tal-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti li jkun fis-seħħ fil-perjodu tal-ksur allegat;
(c) kull ilment minn xi membru tal-pubbliku fil-konfront ta' xi Rappreżentant Elett, Segretarju Eżekuttiv, jew xi uffiċjal, dwar xi amministrazzjoni ħażina;
(d) kull ilment minn xi uffiċjal pubbliku jew entità pubblika jew privata, fil-konfront tal-aġir ta' xi Rappreżentant Elett, Segretarju Eżekuttiv, jew xi uffiċjal dwar xi amministrazzjoni ħażina; u
(e) kull ilment minn xi membru tal-pubbliku, uffiċjal pubbliku jew xi entità pubblika jew private fil-konfront ta' xi deċiżjoni ta' xi gvern lokali li permezz tagħha min jagħmel l-ilment iħoss li b'xi mod tkun saret irregolarità, inġustizzja jew abbuż li ma tkunx ta' xorta kriminali

20/2013 mibgħuta mid-Direttur DLG, nhar it-8 ta' Awwissu 2013 dwar Korsijiet għall-Adulti (Lifelong Learning Classes)
Bħas-snin l-imgħoddija, id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol ippubblika l-*prospectus 2013-14* b'informazzjoni dwar 'il fuq minn 200 kors f'livelli differenti flimkien ma' *posters* għal korsijiet immirati għall-adulti (magħrufa bħala l-*evening classes).*

Dawn il-korsijiet isiru :
f'ħafna mill-Kunsilli Lokali li applikaw għall-Iskema tal-*Lifelong Learning 2013-14;*
fiċ-Ċentri tat-Tagħlim ta' Filgħaxija (il-Blata l-Bajda, Ħal Kirkop, l-Imrieħel, il-Mosta, il-Gżira, il-Furjana, f'Għajnsielem u r-Rabat, Għawdex)
fiċ-Ċentru ta' Tagħlim ta' Matul il-Jum, l-Imsida;